MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2009

Numru. 781/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Joseph Micallef, ta’ 52 sena, bin Joeph u Francis Tonna, imwieled nhar it-28 ta’ April 1957, detentur ta’ karta tal-identita` bin-numru 316957M u joqghod 121, Triq Ruzar Briffa, Mosta**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Micallef r u cioe` talli nhar it-3 ta’ Awissu 2009 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija gewwa l-fond 121, Triq Ruzar Briffa, Mosta u fil-granet u xhur ta’ qabel b’diversi atti mghamulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni whada, gab ruhu b’mnod li ta fastidju lil martu Dorianne Micallef u lil bintu Kirsty Agius,

jew b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf dan kien ta' fastidju ghal imsemmija Dorianne Micallef u Kirsty Agius.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgiega tieghu ikkaguna lil martu Dorianne Micallef u lil bintu Kirsty Agius bizgha li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel theddid fil-konfront ta' martu Dorianne Micallef bi strument li jnaqta' u bil-ponta.
U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien fil-puisses u jew garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Art 6 tal-Kap 480.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji, jew theddid bil-fomm fil-konfront ta' martu Dorianne Micallef u bintu Kirsty Agius, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'[mod li hjareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' bintu Kirsty Agius u dan skond kif iccertifikat Dr. G. Garzia MD, mill-Mosta Health Centre.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq PC1574 Renaldo Cremona u PC926 Lawrence Azzopardi u li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn srvizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar wkoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tinstema’ bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghar-raba’, is-seba’ u d-disa’ akkuza bl-addebitu tar-ricediva liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet lill-parte leza Dorianne Micallef u Kirsty Agius jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u d-dikjarazzjoni taghhom li ma riedux jixhdu f’dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Illi ghar-rigward ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-imputat, il-Qorti semghet lill-parte leza jiddikjaraw li ma jixtiequx jixhdu fil-konfront tal-imputat li huwa r-ragel u missier ta’ familja u cioe` tal-familja taghhom. Inoltre huma hafrulu ghal dan l-incident u kien ghalhekk illi l-Qorti ezentathom milli jghatu x-xhieda taghhom. Illi l-ufficjal prosekutur iddikjara illi m’ghandux provi ohra xi jressaq dwar dawn iz-zewg akkuzi u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-istess.

Ghar-rigward tat-tielet, il-hames u s-sitt akkuzi l-istess Dorianne Micallef irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ zewgha u u Kirsty Agius irrinunzjat ghall azzjoni kriminali fil-konfront ta’ missierha u peress illi dawn iz-zewg akkuzi huma tali li tinhtieg il-kwerela tal-parti offiza kif ukoll wara lill-Qorti ezentat lill-istess Dorianne Micallef u lil Kirsty Agius milli jixhdu fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront ta’ dawn l-akkuzi.

Illi ghar-rigward tar-raba’ u s-seba’ akkuza bl-addebitu tar-ricediva l-imputat ammetta dawn iz-zewg akkuzi u ghalhekk fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi tezisti problema fil-familja ta’ l-imputat li gejja mill-vizzju tax-xorb li ghandu l-istess imputat. Illi dina l-problema ghandha tigi indirizzata minnufih u jidher li dan qed isehh fid-dawl ta’ dak iddikjarat minn Vicky Scicluna tas-SEDQA illum waqt is-seduta. Illi l-Qorti madanakollu twissi lill-imputat illi bl-ebda mod huwa m’ghandu igib ruhu hazin fil-konfront ta’ l-ufficjali tal-pulizija li jkunu qeghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480, l-artikolu 95, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tielet, il-hames u s-sitt akkuzi, issib lill-imputat hati tar-raba’ u s-seba’ akkuza bl-addebitu tar-ricediva, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation ghal zmien sentejn mil-lum b’ordni lill-hati li ghandu jaghmel dak kollu ordnat mill-ufficjal tal-probation sabiex jiehu l-kura mehtiega biex huwa jeghleb il-vizzju tieghu tax-xorb, kif ukoll tikkundannah ghall-multa ta’ mija u sbaghtax il-euro (€117).

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ sentejn jew jekk huwa jonoqs milli jobdi l-odni ta’ probation li qed tigi imposta fuqha illum b’dina is-sentenza.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-mus esebit fl-4 ta’ Awissu, 2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------